L-Erbgħa 4 ta' Lulju 2018

P8_TA(2018)0285

Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni UE-Iraq ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra (10209/1/2012 – C8-0038/2018 – 2010/0310(NLE))

(Approvazzjoni)

(2020/C 118/38)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10209/1/2012),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra (5784/2/2011 u 8318/2012),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 91, l-Artikolu 100, l-Artikolu 207, l-Artikolu 209 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0038/2018),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, min-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra l-bidla tal-bażi legali wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-11 ta' Ġunju 2014 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tal-4 ta' Lulju 2018 ([3]) dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0222/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Iraq.

([1]) ĠU C 440, 30.12.2015, p. 301.

([2]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Ġunju 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, dwar il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Filippini, C-377/12, ECLI: EU:C:2014:1903.

([3]) Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2018)0286.